Nru. 18,207
Prezz/Price
€0.37 (Lm0.16)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 11 ta' Marzu, 2008
Tuesday, 11th March, 2008

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 234

ĦATRA TA' PRIM MINISTRU

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 80 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta ħatar, b'seħħ mill-11 ta' Marzu, 2008, lill-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., biex ikun Prim Ministru.

Il-11 ta' Marzu, 2008

Nru. 235

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Mary Camilleri Cutajar, LL.D., bħala Nutar Delegat/Konservatur ta' l-Atti tan-Nutar Dott. Diana Charles, LL.D., għall-effetti u finijiet kollha tal-liġi.

PAUL X. SAMMUT, B.PSYCH, PGDPS, HON. DIP. LITT.
Deputat Reġistratur u Kummissarju b'Setgħa li jagħti Ġurament

Il-11 ta' Marzu, 2008

GOVERNMENT NOTICES

No. 234

APPOINTMENT OF PRIME MINISTER

IN exercise of the powers conferred by Section 80 of the Constitution of Malta, the President of Malta has, on the 11th March, 2008, appointed the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., to be Prime Minister.

11th March, 2008

No. 235

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Mary Camilleri Cutajar, LL.D., to be Notary Delegate/Keeper for Notary Dr Diana Charles, LL.D., for all effects and purposes of the law.

PAUL X. SAMMUT, B.PSYCH, PGDPS, HON. DIP. LITT.
Deputy Registrar and Commissioner for Oaths

11th March, 2008

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 23

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jipparkjaw fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Is-Siġġiewi

Nhar il-Ġimgħa, l-14 ta' Marzu 2008 minn nofsinhar sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Pjazza San Nikola, San Ġakbu, il-Fawwara, ir-Rebbiegħa u l-Knisja l-Qadima.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

Ħaż-Żebbuġ

Nhar il-Ġimgħa, l-14 ta' Marzu 2008 minn nofsinhar sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Pjazza San Filippu, Sciortino u l-Isqof Caruana.

Nhar il-Ġimgħa, il-21 ta' Marzu 2008 minn nofsinhar sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Pjazza San Filippu, Sciortino, Vjal il-Ħelsien, il-Kbira u Mina De Rohan.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

Ħal Qormi

Nhar il-Ġimgħa, l-14 ta' Marzu 2008 minn nofsinhar sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: il-Kbira, Santa Katerina, Pinto, ir-Rebħa, Aniċi, San Bartolomew u San Dwardu.

Nhar il-Ġimgħa, il-21 ta' Marzu 2008 bejn is-6.00 a.m. u s-2.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Kardinal Sciberras, il-Blata u San Bartolomew (quddiem il-Knisja ta' San Bastjan).

Nhar is-Sibt, it-22 ta' Marzu 2008 mill-10.00 p.m. sas-1.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: il-Kbira, Santa Katerina, ir-Rebħa, Pinto u Aniċi.

Nhar il-Ħadd, it-23 ta' Marzu 2008 bejn is-6.00 a.m. u s-2.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Kbira, Santa Katerina, Pinto, ir-Rebħa, Aniċi, A. Muscat Fenech, San Dwardu, il-Ġdida, San Bastjan, San Ġużepp u San Bartolomew.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

Il-11 ta' Marzu, 2008

POLICE NOTICE

No. 23

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit, stopping and parking of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Siġġiewi

On Friday, 14th March 2008 from noon to midnight through the following streets: Pjazza San Nikola, San Ġakbu, il-Fawwara, ir-Rebbiegħa and il-Knisja l-Qadima.

Vehicles found in contravention of this notice are subject to be towed.

Żebbuġ

On Friday, 14th March 2008 from noon to midnight through the following streets: Pjazza San Filippu, Sciortino and l-Isqof Caruana.

On Friday, 21st March 2008 from noon to midnight through the following streets: Pjazza San Filippu, Sciortino, Vjal il-Ħelsien, il-Kbira and Mina De Rohan.

Vehicles found in contravention of this notice are subject to be towed.

Qormi

On Friday, 14th March 2008 from noon to midnight through the following streets: il-Kbira, Santa Katerina, Pinto, ir-Rebħa, Aniċi, San Bartolomew and San Dwardu.

On Friday, 21st March 2008 between 6.00 a.m. and 2.00 p.m. through the following streets: il-Kardinal Sciberras, il-Blata and San Bartolomew (infront of St Sebastian Church).

On Saturday, 22nd March 2008 from 10.00 p.m. to 1.00 a.m. through the following streets: il-Kbira, Santa Katerina, ir-Rebħa, Pinto and Aniċi.

On Sunday, 23rd March 2008 between 6.00 a.m. and 2.00 p.m. through the following streets: il-Kbira, Santa Katerina, Pinto, ir-Rebħa, Aniċi, A. Muscat Fenech, San Dwardu, il-Ġdida, San Bastjan, San Ġużepp and San Bartolomew.

Vehicles found in contravention of this notice are subject to be towed.

11th March, 2008

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

429

Ikun jaf kulhadd, illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, permezz ta' digriet mogħti fis-26 ta' Jannar 2007, fl-atti tal-Protest Ġudizzjarju 506/06, fl-ismijiet Soap & Sponge Ltd (C-4546) vs Maria Camilleri (218758M), kemm f'isimha proprju u kemm qua amministratriċi tal-beni ta' bintha minuri ..omissis.., u wliedha ..omissis.., ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimata Maria Camilleri, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Soap & Sponge Ltd (C -4546).

Vs

Maria Camilleri (218758M) kemm f'isimha proprju u kemm qua aministratriċi tal-beni ta' bintha minuri ..omissis.., u uliedha minuri ..omissis...

Protest ġudizzjarju ta' Soap & Sponge Ltd (C -4546);
Jesponi bir-rispett;

1. Illi l-protest odjern jikkonċerna s-sitwazzjoni attwali fis-soċjetà protestanti bl-isem Soap & Sponge Ltd, reġistrata permezz tan-numru C-4546.

2. Illi mid-data tat-twaqqif tas-soċjetà protestanti, f' Ġunju 1979 sat-12 ta' Frar 2005, l-azzjonisti ta' l-istess soċjetà kienu John Camilleri (673949M) u l-mejjet Edgar Camilleri (105552M).

3. Illi l-imsemmi Edgar Camilleri miet nhar it-12 ta' Frar 2005 u s-suċċessuri tiegħu kienu l-protestati.

4. Illi madankollu , l-istatut tal-Kumpannija, u senjatament fi klawsola 13 jiddisponi illi 'meta azzjonist ta' Kumpanija jmut, l-azzjonijiet reġistrati f'isem dak il-membru għandhom jiġu mifdija mill-Kumpanija, skond il-valur ekwu li jrid jiġi determinat mill-awdituri tal-Kumpanija, entru sitt xhur mid-data tal-mewt tiegħu u l-ammont relattiv jitħallas lill-eredi tiegħu u lill-armla tiegħu (jekk ikun il-każ) skond il-liġi.

5. Illi għal kull buon fini jiġi rilevat illi l-protestata Maria Camilleri, tikkwalifika ai termini ta' klawsola 13 fuq ikkowtata, kemm bħala l-armla u kemm bħala waħda, mill-eredi.

It is hereby notified, that the Civil Court First Hall, by means of a decree given on the 26th January 2007, in the records of the Judicial Protest 506/06, in the names Soap & Sponge Ltd (C-4546) vs Maria Camilleri (218758M), both in her own name and as administrator of the property of her minor daughter ..omissis.., and her children ..omissis.., ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Maria Camilleri, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the First Hall Civil Court

Soap & Sponge Ltd (C -4546)

Vs

Maria Camilleri (218758M) both in her own name and as administrator of the property of her minor daughter ..omissis.., and her minor children ..omissis...

Judicial Protest of Soap & Sponge Ltd (C -4546);
Pleads with respect;

1.That the present protest relates to the actual position in the protesting company with the name Soap & Sponge Ltd, registered by means of number C -4546.

2. That since the date of setting up of the protesting company, in June 1979 to the 12th February 2005, the shareholders of the same company were John Camilleri (673949M)and the late Edgar Camilleri (105552M).

3. That the said Edgar Camilleri died on the 12th February 2005 and his successors were the respondents.

4. That despite of all this, the statute of the company, and precisely in clause 13 provides that 'when a shareholder of the company dies, the shares registered in the name of that member are to be redeemed by the Company, according to the equitable value which has to be determined by the auditors of the Company within six months from the date of his death, and the relative amount be paid by his heirs and his widow (if it be the case) according to law.

5. That for all intents and purposes it is pointed out that the respondent Maria Camilleri, qualifies in terms of clause 13 above mentioned, both as the widow and both as one of the heirs.

6. Illi jiġi rilevat ukoll illi l-protestant noe interpella kemm-il darba lill-protestati sabiex jinfdew l-azzjonijiet relattivi tal-mejjet Edgar Camilleri, mill-Kumpanija protestanta.

7. Illi waqt li t-tmexxija tas-soċjetà protestanti kienet f'idejn l-imsemnmi Edgar Camilleri, l-istess Edgar Camilleri kien naqas milli jieħu ħsieb il-kontijiet tas-soċjetà protestanti bi ksur ta' l-obbligi legali tiegħu.

8. Illi, di più u mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-protestata Maria Camilleri qiegħda tokkulta numru ta' dokumenti u rendikonti b'mod abbużiv u illegali, liema dokumenti jappartjenu lis-soċjetà protestanti, b' mod illi ma jistax jiġi stabbilit il-valur ekwu tal-azzjonijiet kif rikjest fi klawsola 13, ta' l-istatut tal-Kumpanija.

9. Illi għaldaqstanbt il-fatt illi għadhom ma ġewx mifdija l-azzjonijiet tal-Kumpanija huwa imputabbli unikament għall-aġir illegali u abbużiv tal-protestati.

10. Illi inoltre sabiex jiġi stabbilit il-valur ekwu ta' l-azzjonijiet tal-Kumpanija għandu jiġi wkoll ikkunsidrat il-manjiera abbużiva u illegali li biha l-mejjet Edgar Camilleri kien imexxi l-kumpanija, …omissis...

Għaldaqstant is-soċjetà protestanti, filwaqt li ġġib dan kollu a formali konjizzjoni tal-protestati tinterpellahom sabiex immedjatament jieħdu dawk l-passi kollha neċessarji sabiex: 1) jagħmlu d-dokumenti u r-rendikonti kollha relatati mas-soċjetà protestanti aċċessibbli sabiex jiġi stabbilit il-valur ekwu ta' l-azzjonijiet li kienu jappartjenu lill-mejjet Edgar Camilleri, u 2) jersqu għal-likwidazzjoni tal-valur ta' l-istess azzjonijiet u l-fidi tagħhom. Inoltre, bil-preżenti s-soċjetà protestanti tqiegħed lill-protestati f'dolo, colpa u mora għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi b'riserva għall-kwalunkwe azzjoni spettanti lilha skond il-liġi.

Bl-ispejjeż.

Soċjetà Protestanti: Mosta Road, Lija BZN 09.

Protestati: 'Seabreeze' Flat 3, Triq F. Ximenes, Salina l/o Naxxar.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 7 ta' Marzu 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

6. That it is also pointed out that the interpellant noe, called upon the respondents various times in order that the shares of the deceased Edgar Camilleri be redeemed by the protesting Company.

7. That whilst the administration of the protesting company was in the hands of the said Edgar Camilleri, the said Edgar Camilleri had failed to take care of the bills of the protesting company in violation of his legal obligations.

8. That furthermore and without prejudice to the above, the respondent Maria Camilleri is hiding a number of documents and accounts in an abusive and illegal manner , which documents belong to the protesting company, in such a manner that the equitable value of the shares as required in clause 13,of the memorandum of the Company.

9. That thus the fact that the shares of the company have not been redeemed is imputable solely to the illegal and abusive behaviour of the respondents.

10. That furthermore in order to establish the equitable value of the shares of the Company there should also be considered the abusive and illegal manner by which the late Edgar Camilleri administered the company, …omissis…

Thus the protesting company whilst bringing all this to the formal notice of the respondents calls upon you so that immediately you take the necessary steps so that: 1) all the documents and accounts related to the protesting company be made accessible so that the equitable value of the shares appertaining to the deceased Edgar Camilleri, be established and 2) come forward to the liquidation of the value of the same shares and their redemption. Furthermore, by the present the protesting come puts the respondents in dolo, colpa and mora for all intents and purposes of law and saving any action due to it according to law.

With costs.

Protesting company: Mosta Road, Lija BZN 09.

Respondents: 'Seabreeze' Flat 3, F. Ximenes, Salina, l/o Naxxar.

Registry of the Superior Courts , today 7th March 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

430

AVVIŻ
MIR-REĠISTRU
QORTI ĊIVILI (SEZZJONI FAMILJA)

Billi Joseph Debono (K.I. 328272M) ippreżenta rikors ġuramentat (Nru. 67/08 NC) fejn talab il-KORREZZJONI TA' L-ATT TAT-TWELID, ta' Luca Jo Debono, fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,
Illum, 7 ta' Marzu 2008.

BRUNO ZAHRA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE
REGISTRY OF THE
CIVIL COURT (FAMILY SECTION)

Whereas Joseph Debono (I.D. 328272M) filed an application under oath (No. 67/08 NC) demanding CORRECTION in the ACT OF BIRTH, of Luca Jo Debono, in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,
Today, 7th March 2008.

BRUNO ZAHRA
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

431

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti mil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura ta' Kriminali tat-8 ta' Frar, 2008, ġiet milqugħa t-talba ta' Peter Joseph Bonnici fl-att tal-kawża:

Il-Pulizija (Spettur Norbert Ciappara u Spettur Dennis Thewma) kontra:

Peter Joseph Bonnici, ta' 45 sena, iben Anthony u Catherine neé Montebello imwieled fid-19 ta' Marzu, 1962 u residenti fil-fond numru 9, Sqaq il-Miħna, Żejtun u detentur tal-karta ta' l-identità numru 194862(M)

Sabiex huwa jiġi awtorizzat jiżbanka s-somma ta' €13,976.24 (Lm6,000) liema somma hija sehem l-esponenti mil-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti fl-att ta' separazzjoni tiegħu minn ma' martu.

L-ordni ta' ffriżar tal-assi kienet ġiet debitament ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern datata 6 ta' Lulju 2004.

Reġistru tal-Qrati ta' Ġuristidenzzjoni Kriminali (Malta), illum 7 ta' Marzu, 2008

PAUL MIRUZZI
Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali (Malta)

It is hereby being notified that by a decree of the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature of the 8th February 2004, the Court acceded to the request of Peter Joseph Bonnici in the case:

The Police (Inspector Norbert Ciappara and Inspector Dennis Thewma) versus:

Peter Joseph Bonnici 45 years old, son of Anthony and Catherine neé Montebello, born on the 19th March, 1962 and residing at number 9, Sqaq il-Miħna, Żejtun and holder of Identity Card Number 194862(M)

Ordered that he be authorized to withdraw the sum of €13,976.24 (Lm6,000) which sum is his share from the liquidation of the community of acquests in the records of the separation procedure between him and his wife.

The order for the freezing of all his assets had been duly published in the Malta Government Gazette of the 6th July, 2004.

Registry of the Courts of Criminal Jurisdiction (Malta), today 7th March, 2008.

PAUL MIRUZZI
Registrar, Criminal Courts and Criminal Tribunals (Malta)

Ikun jaf kulħadd, illi b'digriet tad-9 ta' Ottubru 2006, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' l-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

It is hereby notified, that by means of a decree of the 9 th October 2006, the First Hall Civil Court, ordered the publication of the bann which appears hereunder for the purpose of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Bandu għall-Kuraturi

Bann for Curators

Repubblika ta' Malta

Republic of Malta

Lill-Marixxall tal-Qorti

To the Marshall of the Court

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fis-9 ta' Ottubru 2006, fuq talba ta' Beatrice Margarita Wagner, ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eredi ta' Etelburga Ellul, fl-atti taċ-Ċedola ta' Depożitu Nru 937/2006,fl-ismijiet Beatrice Margarita Wagner vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Whereas by a decree given by this Court on the 9 th October 2006, following a request by Beatrice Margarita Wagner, it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent the heirs of Etelburga Ellul in the records of the Schedule of Deposit No 937/2006, in the names of Beatrice Margarita Wagner vs. Deputy Curators and in the relative and subsequent acts.

Permezz ta' Ċedola ta' Depożitu u ta' kontestwali fidi ta' ċens,ppreżentata, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fid-29 ta' Settembru, 2006,fl-ismijiet Beatrice Margarita Wagner, karta ta' l-identità Ġermaniża bin-numru 6117200610D/0612025/0007157/4 kontra Kuraturi Deputati, sabiex jirrappreżentaw lill-eredi ta' Etelburga Ellul.

By means of the Schedule of Deposit and contextual redemption of groundrent filed in the First Hall Civil Court, on 29 th September 2006, in the names Beatrice Margarita Wagner, German identity card numbers 6117200610D/061 2025/0007157/4 against Deputy Curators to represent the heirs of Etelburga Ellul.

Illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Salvatore Cauchi, tat-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elf tmien mija sitta u disgħin (1896) ...omissis... l-imsemmija Etelburga Ellul ikkonċediet b'titolu ta' enfitewsi perpetwa lil Lorenzo Guglielmo Pace Balzan, porzjon art magħrufa bħala "tal-Wied" ...omissis...

That by means of a contract in the records of Notary Salvatore Cauchi of the third (3) October of the year one thousand eight hundred and ninty-six (1896)...omissis... the said Etelburga Ellul, granted by the title of perpetual emphyteusis, to Lorenzo Guglielmo Pace Balzan, a portion of the land known as "tal-Wied"...omissis.

...Omissis...

Omissis.

Illi permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Oscar Azzopardi. datat għoxrin (20)ta' Awissu 1957,..omissis ...Elena Gulia innominat u istitwiet bħala uniku werriet universali tagħha lil żewġha Leone Gulia ...omissis...

That by means of a will in the acts of Notary Oscar Azzopardi,dated twentieth (20) of August 1957, ..omissis... Elena Gulia nominated and instituted as her sole universal heir her husband Leone Gulia...omissis.

Illi r-rikorrenti Beatrice Wagner hija oħt u l-unika eredi ta' l-imsemmija Elena Gulia ...omissis...

That the applicant Beatrice Wagner is the sister and the sole heir of the said Elena Gulia...omissis.

Illi permezz ta' dikjarazzjoni causa mortis ...omissis... ir-rikorrenti Beatrice Wagner iddikjarat li wirtet...omissis minghand oħta Elena Gulia..l-fond bin-numru 46, Triq il-Wied, Birkirkara...omissis.

Illi l-esponenti tixtieq tipprevalixxi ruħha mill-fakultà mogħtija lilha ai termini ta' l-Artikolu 1501 tal-Kap 16,... omissis...u tifdi l-imsemmi ċens ta' €15.14 (Lm6.50).

Għaldaqstant l-esponenti umilment tadixxi lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha tgħaddi biex tiddepożita s-somma ta' €504,71 (Lm216,67) prezz ta' fidi ta' l-imsemmi ċens annwu u perpetwu sabiex jingħata liberament lill-werrieta ta' l-intimata wara li tiġi rrilaxxata d-debita rċevuta skond il-liġi ...omissis...

Esponenti:c/o Kai Jochimsen, 2/183, Rudolphe Street, Sliema

Notifiki:Direttur tar-Reġistru Pubbliku, 197, Merchants Street, Valletta. (żewġ kopji)

Inti għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri, u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala Kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuratur ta' l-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda ta' l- Onor.Imħallef J.R. Micallef LL.D.

Illum 9 ta' Ottubru, 2006.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 7 ta' Marzu 2008.

AVV DOTT FRANK PORTELLI LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

That by means of a declaration causa mortis...omissis... the applicant Beatrice Wagner declared that she inherited from her sister Elena Gulia...omissis the...premises number 46, Valley Road,Birkirkara,...omissis.

That the exponent wishes to avail herself of the faculty granted to her in terms of Article 1501 of Chapter 16,...omissis..to redeem the said groundrent of €15.14 (Lm6.50).

Therefore the exponents are humbly depositing, under the authority of this Honourable Court, the sum of € 504,71 (Lm216,67) price of the redemption of the said annual and perpetual groundrent, to be given freely to the heirs of the respondent, after releasing the necessary receipt according to law...omissis.

Exponent: c/o Kai Jochimsen, 2/183, Rudolphe Street, Sliema

Notify: Director of Public Registry, 197, Merchants Street, Valletta (two copies)

Your are therefore ordered to affix an official copy of this bann of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall above mentioned with the witness of the Hon. Mr. Justice J. R.Micallef LL.D.,

Today 9 October 2006.

Registry of the Superior Courts, today 7 March 2008.

ADV.DR FRANK PORTELLI LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI – 3, PJAZZA KASTILJA – VALLETTA – MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION – 3, CASTILLE PLACE – VALLETTA – MALTA

PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI
OFFICIAL PUBLICATIONS

Acts of Parliament 2007 on compact disc (CD)	€13.98 (Lm6.00)
Annual Reports of Government Departments – 2006 on compact disc (CD)	€11.65 (Lm5.00)
CHOGM & State Visit Highlights in pictures on compact disc (CD)	€6.99 (Lm3.00)
Code of Ethics and Conduct for Legal Procurators 1998	€2.33 (Lm1.00)
Code of Ethics for Members of the Judiciary	€2.33 (Lm1.00)
Creating Inclusive Schools: Guidelines for the Implementation of the NMC Policy on Inclusive Education	€4.19 (Lm1.80)
Diskors tal-*Budget* 2008	€2.33 (Lm1.00)
Economic Bulletin – July 2007	€4.66 (Lm2.00)
Economic Survey 2007	€4.66 (Lm2.00)
Electoral Register, October 2007	€24.23 (Lm10.40)
Electoral Register, Local Councils, October 2007	€92.59 (Lm39.75)
Estimates 2008	€4.66 (Lm2.00)
Financial Report 2005	€6.99 (Lm3.00)
Il-Manwal tal-President tar-Repubblika	€1.16 (Lm0.50)
Industry Strategy for Malta: 2007-2010	€2.33 (Lm1.00)
Kodiċi ta' Etika għall-Ġudikanti	€2.33 (Lm1.00)
Legal Notices and Bye-Laws 2007 on compact disc (CD)	€13.98 (Lm6.00)
Malta's Parliament – An Official History	€41.93 (Lm18.00)
Mid-Year Report by the Auditor General – Public Accounts 2005	€4.08 (Lm1.75)
National Curriculum on its Way – Strategic Plan	€2.33 (Lm1.00)
National Curriculum on its Way – Strategic Plan – Abridged	€0.58 (Lm0.25)
Performance Audit – ETC's Job Matching Service– Report by the Auditor General	€3.49 (Lm1.50)
Performance Audit – Inventory Strategy and Distribution of Pharmaceutical Products – Health Division	€4.08 (Lm1.75)
Performance Audit – Quality of Life for the Elderly at St. Vincent de Paul Residence	€3.49 (Lm1.50)
Performance Audit – School Information System – Education Division	€4.66 (Lm2.00)
Performance Audit Report – The Functions of the Tax Compliance Unit	€3.49 (Lm1.50)
Performance Audit – Reviewing VAT Liability: VAT Investigations and Credit Control Exercises	€3.49 (Lm1.50)
Portfolio Assessments	€9.32 (Lm4.00)
Preliminary Master Plan for the Euro Changeover in Malta	no charge
Public Service Management Code (6th Edition – December 2005)	€16.31 (Lm7.00)
Report of the Auditor General – Public Accounts 2004	€3.49 (Lm1.50)
Strateġija għall-Industrija ta' Malta: 2007-2010	€2.33 (Lm1.00)
The Press Act	€1.16 (Lm0.50)
The Registers of the Medical Council (Malta) 2005	€6.99 (Lm3.00)
Tifkira fl-Okkażjoni tal-Kanonizzazzjoni ta' Dun Ġorġ – L-aħħar tislima Lulju 1962 (DVD)	€4.66 (Lm2.00)

Dawn il-Pubblikazzjonijiet jistgħu jinxtraw mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni
3, Pjazza Kastilja, Valletta, Malta

These Publications are obtainable from the Department of Information
3, Castille Place, Valletta, Malta
www.doi.gov.mt
info@gov.mt

L-ammonti bil-lira Maltija huma bbażati fuq ir-rata ta' €1=Lm0.429300 u huma għal użu ta' informazzjoni biss
Values displayed in Maltese lira are based on the rate of €1=Lm0.429300 and are for information purposes only

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*